Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1557/2002

**Alfred Baldacchino Limited**

**vs**

**Dikk Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u sbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm517.50) rappresentanti hlas ghal "stainless steel canopy" debitament ikkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici u dana kif jirrizulta mid-Dokument A, B u C annessi ma'l-avviz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja tal-20 ta' Mejju 2002, kif ukoll ta'l-ittra ufficjali ta'l-4 ta' Gunju 2002 u bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2001 kontra s-socjeta konvenuta.



Qrati tal-Gustizzja

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-notaipprezentata mis-socjeta attrici ta'l-10 ta' Ottubru 2003, li permezz taghha hija cediet is-sorte, izda zammet ferm l-imghaxijiet u l-kap ta'l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esbieti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ra n-nota ipprezentata mis-socjeta attrici ta'l-10 ta' Ottubru 2003, filwaqt li jastjeni milli ikompli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imghaxijiet legali mit-18 ta' Settembru 2003, flimkien ma'l-ispejjez tal-kawza kif ukoll ta'l-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------